

2025/2331

28.11.2025

**DEĊIŻJONI NRU 2/2025 TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ STABBILIT
MILL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U
L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT
TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA**

tat-30 ta' Ottubru 2025

**dwar ir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet tal-iskambju tal-
informazzjoni li tinsab f'dawk ir-reġistri [2025/2331]**

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 468(5) u l-Artikoli 13(2) u 14(5) tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 463(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq li jwettqu vjaġġi msemija fl-Artikolu 462 ta' dak il-Ftehim jeħtieġ li jkollhom liċenzja valida f'konformità mal-Artikolu 463(2) ta' dak il-Ftehim. L-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 3, il-punt (b) ta' dak il-Ftehim jipprevedi li operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq irid ikun ta' reputazzjoni tajba, f'konformità mal-Artikolu 6 tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 ta' dak il-Ftehim.
- (2) L-Artikolu 6 tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi kundizzjonijiet dettaljati relatati mar-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. B'mod partikolari, il-paragrafi 2 u 3 jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li skonthom il-ksur magħmul minn operatur jista' jwassal għal proċedura amministrattiva mill-awtoritajiet kompetenti fil-Parti tal-istabbiliment, u jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba. L-Appendiċi 31-A-1-1 jistabbilixxi wkoll lista tal-aktar seba' ksur serju li jrid iwassal għal proċedura amministrattiva mill-awtorità kompetenti fil-Parti tal-istabbiliment. Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ⁽²⁾ lestiet il-lista ta' ksur serju li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba.
- (3) L-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikoli 13 u 14 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedu wkoll li l-Partijiet għandhom jistabbilixxu reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq li jkunu ġew awtorizzati jinvolve ruħhom fil-professjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, kif ukoll iwettqu kontrolli individwali fuq l-impriżi u jiskambjaw informazzjoni dwar ksur serju mwettaq mill-operaturi fil-Parti l-oħra. Id-data li għandha tkun inkluża fir-reġistru elettroniku nazzjonali, kif ukoll il-modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti b'deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq.
- (4) L-Unjoni stabbiliet ir-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU, European Registers of Road Transport Undertakings) biex tiffaċilita l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 ⁽³⁾. Minħabba li l-Unjoni u r-Renju Unit qablu mal-istess prinċipji bażiċi ta' aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq kif ukoll ma' lista komuni ta' ksur, huwa xieraq u effiċjenti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li tiġi prevista l-konnessjoni teknika tar-Renju Unit mal-ERRU.

⁽¹⁾ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree_international/2021/689\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_international/2021/689(1)/oj).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, tat-30 ta' Ottubru 2025 dwar lista tal-kategoriji, it-tipi u l-grad ta' serjetà ta' ksur serju li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L, 2025/2330, 28.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2330/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 tal-1 ta' April 2016 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010, (ĠU L 87, 2.4.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/480/oj).

- (5) Ir-Renju Unit ikkontribwixxa għall-kostijiet tal-iżvilupp tal-ERRU bħala Stat Membru tal-Unjoni. Ir-Renju Unit jenħtieġ li jikkontribwixxi annwalment għall-kostijiet operazzjonali u tal-manutenzjoni tal-ERRU.
- (6) Sabiex iż-żewġ Partijiet ikunu jistgħu jiżviluppaw l-infrastruttura tal-informazzjoni u t-teknoloġija tagħhom li tippermetti l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Objettiv

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi d-data minima li għandha tkun inkluża fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-kundizzjonijiet għall-iskambju ta' informazzjoni ta' din id-data bejn il-Partijiet.

Artikolu 2

Data li tinsab fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-kundizzjonijiet tal-aċċess għal din id-data

1. Ir-reġistri elettroniċi nazzjonali msemija fl-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 13(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandu jkun fihom mill-anqas id-data li ġejja:

- (a) l-isem u l-forma legali tal-impriża tat-trasport bit-triq;
- (b) l-indirizz tal-istabbiliment tagħha;
- (c) l-ismijiet tal-manigiers tat-trasport iddeżinjati bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni relatati ma' reputazzjoni tajba u kompetenza professjonali jew, kif xieraq, l-isem ta' rappreżentant legali;
- (d) it-tip ta' awtorizzazzjoni, l-għadd ta' vetturi li tkopri u, fejn xieraq, in-numru tas-serje tal-liċenzja msemija fl-Artikolu 463(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u tal-kopji veri ċċertifikati;
- (e) l-għadd, il-kategorija u t-tip ta' ksur serju, kif imsemmi fl-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 6(2) tal-FKK, li rriżulta f'kundanna jew piena matul l-aħħar sentejn;
- (f) l-isem ta' kwalunkwe persuna ddikjarata inkompetenti biex tmexxi l-attivitajiet ta' trasport ta' impriża, sakemm ma tkunx ġiet stabbilita mill-ġdid ir-reputazzjoni tajba ta' dik il-persuna skont l-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 6(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u l-miżuri ta' riabilitazzjoni applikabbli;
- (g) in-numri ta' reġistrazzjoni tal-vetturi għad-dispożizzjoni tal-impriżi skont l-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 5(f) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni; u
- (h) il-medda tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-impriża skont il-liġi u/jew il-proċeduri applikabbli f'kull Parti.

2. Id-data msemija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data personali applikabbli f'kull Parti.

L-awtoritajiet kompetenti f'kull Parti jistgħu jagħżlu li jżommu d-data msemija fil-punti (e) sa (h) tal-paragrafu 1 f'reġistri separati. F'każijiet bħal dawn, id-data imsemija fil-punti (e) u (f) tal-paragrafu 1 għandha ssir disponibbli fuq talba jew għandha tkun direttament aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Partit ikkonċernat. L-informazzjoni mitluba għandha tkun ipprovduta fi żmien 5 ijiem ta' xogħol minn meta tasal it-talba.

Id-data msemmija fil-punti (g) u (h) tal-paragrafu 1 għandha ssir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti matul il-kontrolli f'ġenb it-triq.

Id-data msemmija fil-punti (e) sa (h) tal-paragrafu 1 għandha tkun aċċessibbli biss għall-awtoritajiet għajr l-awtoritajiet kompetenti meta daww l-awtoritajiet ikunu debitament ingħataw is-setgħat relatati mas-supervizzjoni u mal-impożizzjoni ta' pieni fis-settur tat-trasport bit-triq u l-uffiċjali tagħhom ikunu hađu għurament ta' segretezza jew ikunu b'xi mod ieħor taħt obbligu formali ta' segretezza.

3. Data li tikkonċerna impriża li l-awtorizzazzjoni tagħha kienet sospiża jew irtirata għandha tibqa' fir-reġistru elettroniku nazzjonali għal sentejn mill-iskadenza tas-sospensjoni jew l-irtirar tal-liċenza, u mbaġħad għandha titneħħa minnufih.

Data li tikkonċerna kwalunkwe persuna ddikjarata inkompetenti għall-professjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq għandha tibqa' fir-reġistru elettroniku nazzjonali sakemm ir-reputazzjoni tajba ta' dik il-persuna ma tkunx għet stabbilita mill-ġdid skont l-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 6(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Meta tittieħed tali miżura ta' riabilitazzjoni jew kwalunkwe miżura li jkollha effett ekwivalenti, id-data għandha titneħħa immedjatament.

Id-data li hemm referenza għaliha fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandha tispeċifika r-raġunijiet għas-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet jew id-dikjarazzjoni ta' inkompetenza, skont il-każ, u t-tul ta' żmien korrispondenti.

4. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-data kollha li tinsab fir-reġistru elettroniku nazzjonali tinżamm aġġornata u tkun akkurata.

Artikolu 3

Rekwiżiti minimi għad-data li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq

1. Ir-rekwiżiti minimi għad-data li għandha tiddaħħal fir-reġistri elettroniċi nazzjonali stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti f'kull Parti f'konformità mal-Artikolu 13 tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE ⁽⁴⁾ u fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2164 ⁽⁵⁾, kif adattat mill-paragrafi li ġejjin.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw l-adattamenti li ġejjin għall-Anness tad-Deċiżjoni 2009/992/UE:

- (a) Ir-referenza għal "Stat Membru" hija sostitwita b'"Pajjiż" ⁽⁶⁾.
- (b) Ir-referenzi għal "liċenzja Komunitarja", kull fejn iseħħu, huma sostitwiti b'"liċenzja msemmija fl-Artikolu 463(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra".
- (c) Fil-każ tar-Renju Unit, l-oqsma li ġejjin ma humiex meħtieġa: "Għadd ta' persuni impjegati", u "Klassifikazzjoni tar-riskju".

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi għad-data li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq (notifikata bid-dokument numru C(2009) 9959), (ĠU L 339, 22.12.2009, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2009/992/oj>).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2164 tal-11 ta' Lulju 2024 dwar ir-rekwiżiti minimi li jikkonċernaw id-data li għandha tiddaħħal fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq (notifikata bid-dokument C(2024) 4665) (ĠU L, 2024/2164, 20.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2164/oj).

⁽⁶⁾ Pajjiż jirreferi għal Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Ewropea, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

- (d) “L-Artikolu 16(2), il-punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009” huwa sostitwit b’“il-punt (c) tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra (*).

(*) Id-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra, tat-30 ta’ Ottubru 2025 dwar ir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet tal-iskambju tal-informazzjoni li tinsab f’dawk ir-reġistri (ĠU L, 2025/2331, 28.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2331/oj>).”.

3. Għall-finijiet ta’ din id-Deċiżjoni, l-oġġett tad-data “Pajjiż tar-Reġistrazzjoni tal-Vettura” msemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kommissjoni (UE) 2024/2164 għandu, fil-każ tar-Renju Unit, jiġi stabbilit awtomatikament għal “Renju Unit”.

Artikolu 4

Modalitajiet tal-iskambju tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(3) u (4) tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

1. Ir-Renju Unit u l-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jużaw ir-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU), stabbiliti bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/480 għall-iskambju ta’ informazzjoni msemmi fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 14 tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
2. Ir-Renju Unit għandu jwettaq l-interkonnessioni tar-reġistru elettroniku nazzjonali tiegħu mal-ERRU f’konformità mal-proċeduri u r-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/480 kif adattat mill-Artikolu 5 ta’ din id-Deċiżjoni.
3. Kull Parti għandha tiżgura li l-ipproċessar ta’ data personali fil-kuntest ta’ din id-Deċiżjoni jitwettaq biss għall-fini tal-verifika tal-konformità mat-Titolu I tal-Intestatura Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u mal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
4. Ir-Renju Unit u kull Stat Membru tal-Unjoni għandhom jaħtru punt ta’ kuntatt tal-ERRU responsabbli għall-iskambju ta’ informazzjoni tal-Parti l-oħra fir-rigward tal-applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Adattamenti għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ERRU

Għall-finijiet ta’ din id-Deċiżjoni, japplikaw l-adattamenti li ġejjin għar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/480:

1. Ir-referenzi għal “Stat Membru”, kull fejn iseħħu, għandhom jinftiehem b’ħa referenzi għal “Pajjiż” (7) u r-referenzi għal “Stati Membri”, kull fejn iseħħu, għandhom jinftiehem b’ħa referenzi għal “Pajjiżi” (8).
2. Referenzi għal “dan ir-Regolament”, kull fejn iseħħu, “Annessi I sa VII ta’ dan ir-Regolament” u “Anness VIII ta’ dan ir-Regolament” għandhom jinftiehem b’ħa referenzi għal “Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra (*).

(*) Id-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra, tat-30 ta’ Ottubru 2025 dwar ir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet tal-iskambju tal-informazzjoni li tinsab f’dawk ir-reġistri (ĠU L, 2025/2331, 28.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2331/oj>).”.

(7) Pajjiż tirreferi għal Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq.

(8) Pajjiżi tirreferi kemm għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq.

3. Ir-referenzi għal “liċenzja Komunitarja”, kull fejn iseħħu, għandhom jinftehemu bħala referenzi għal “liċenzja msemija fl-Artikolu 463(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra”.
4. Fl-Artikoli 1 sa 3 “l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009” u “l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009”, huma sostitwiti b’“id-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (**).

(**) Id-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, tat-30 ta' Ottubru 2025 dwar ir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet tal-iskambju tal-informazzjoni li tinsab f'dawk ir-reġistri (ĠU L, 2025/2331, 28.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2331/oj>).

5. Fl-Artikolu 2, “l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009” hija sostitwita b’“l-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra”.
6. Fl-Artikolu 2, il-punt (e), “l-Artikolu 8(8) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009” hija sostitwita b’“l-Artikolu 465(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra”.
7. L-Artikoli 6 u 7 ma għandhomx ikunu applikabbli għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.
8. Fil-punt 1.3 tal-Anness II,
 - (a) “Klassifikazzjoni tar-riskju u medda tal-klassifikazzjoni tar-riskju” hija sostitwita b’“medda tal-klassifikazzjoni tar-riskju”.
 - (b) Ir-referenza għal “għadd ta' impjegati” għandha titneħħa.
9. Fl-Appendiċi tal-Anness III,
 - (a) L-oqsma li ġejjin ma għandhomx ikunu inklużi f'messaġġ ta' Tweġiba tal-Kontroll tad-Data tal-Impriża tat-Trasport: “Għadd ta' Persuni Impjegati”, “Klassifikazzjoni tar-Riskju”.
 - (b) “L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/403”, hija sostitwita b’“L-Appendiċi 31-A-1-1 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra u l-Anness tad-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (**).

(**) Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, tat-30 ta' Ottubru 2025 dwar lista tal-kategoriji, it-tipi u l-grad ta' serjetà ta' ksur serju li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit triq (ĠU L, 2025/2330, 28.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2330/oj>).

10. Fl-Anness VIII, it-Taqsima 1, “l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009” hija sostitwita b’“l-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 12(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra”.

11. Fl-Anness VIII, it-Taqsima 2.1, “id-Direttiva 2006/22/KE jew fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009” hija sostitwita b’“l-Appendiċi 31-A-1-1 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra u l-Anness tad-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra (****).

(****) Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra, tat-30 ta’ Ottubru 2025 dwar lista tal-kategoriji, it-tipi u l-grad i ta’ serjetà ta’ ksor serju li jista’ jwassal għat-telf ta’ reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit triq (ĠU L, 2025/2330, 28.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2330/oj>).”.

Artikolu 6

Ammont u modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit

Ir-Renju Unit għandu jikkontribwixxi annwalment għall-kostijiet operazzjonali u tal-manutenzjoni tal-ERRU fil-qafas stabbilit fid-Deċiżjoni Nru 3/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq ⁽⁹⁾.

Artikolu 7

Sospensjoni tal-konnessjoni tar-Renju Unit mal-ERRU

L-Unjoni tista’ tissospendi l-aċċess tar-Renju Unit għall-ERRU jekk ir-Renju Unit ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 6 ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta’ wara l-adozzjoni tagħha.

Din għandha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2026.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta’ Ottubru 2025.

Għall-Kumitat Speċjalizzat
għat-Trasport bit-Triq
Il-Kopresidenti
Hannah TOOZE
Jean-Louis COLSON

⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 3/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħa l-oħra, tat-30 ta’ Ottubru 2025 dwar l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit għal ċerti sistemi ta’ informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Unjoni u l-emendar tad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq (ĠU L, 2025/2329, 28.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2329/oj>).